MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 12/2021 LM

**Concetta Camilleri (K.I. numru 366758(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2021, numru 135/21 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li

permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Concetta Camilleri (K.I. nru. 366758(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'].

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tad-9 ta' April, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant'] li l-appellata kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €10,854.22 bħala Pensjoni tal-Età mingħand id-Dipartiment għall-perijodu li beda fil-21 ta' April, 2018 u spiċċa fl-24 ta' April, 2020, u dan għar-raġuni li ma kienx sodisfatt illi l-valur kapitali tagħha ma kienx jeċċedi l-€14,000 jew li ddisponiet mir-riżorsi kapitali tagħha biex tkompli tikkwalifika għall-għajnuna soċjali. B'hekk huwa nfurmaha permezz ta' dik l-istess deċiżjoni li l-ammont imħallas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-istess Pensjoni tal-Età (AP) jew minn xi benefiċċju ieħor li hija setgħet kienet qegħda tirċievi mingħand id-Dipartiment.

## Mertu

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru fis-7 ta' Mejju, 2020, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant għaliex: (i) fl-ewwel lok ma kienx ġie ndikat l-artikolu tal-liġi; (ii) hija ma kienet għamlet xejn sabiex tqarraq bid-Dipartiment; u (iii) hija ma kellhiex mezzi li jeċċedu l-ammont iddikjarat mid-Dipartiment. Id-Direttur Ġenerali appellant min-naħa tiegħu wieġeb fis-7 ta' Awwissu, 2020, fejn spjega li huwa ma kienx sodisfatt li r-riżorsi kapitali tal-appellata ma kienux jeċċedu l-€14,000 fil-perijodu bejn 21 ta' April,

2018 u l-24 ta' April, 2020, u stante li l-appell tagħha ma kienx qed iqanqal l-ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, l-appell kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-appell huwa fil-konfront tad-deċiżjoni tad-Direttur datat 6 ta' April 2020 fejn id-Direttur kien iddikjara illi l-appellanti ma kinitx intitolata għall-pensjoni tal-età billi ma kienx sodisfatt illi l-valur kapitali tagħha ma jeċċedix €14,000 jew li ddisponiet mir-riżorsi kapitali tagħha biex tkompli tikkwalifika għal għajnuna soċjali.*

*Fl-appell relattiv l-appellanti talbet li d-deċiżjoni relattiva tiġi revokata billi l-appellanti ma kellhiex u lanqas għandha mezzi li jeċċedu l-ammont iddikjarat mid-Dipartiment. L-unika kantina li hija kienet wirtet mingħand il-partner tagħha kienet kostretta li tgħaddiha lil binha Allister Camilleri u dan sabiex ikollu saqaf fejn jitfa' rasu hekk li kien għaddej minn żmien ikrah ta' nuqqas ta' fondi finanzjarji. L-appellanti ma kellha l-ebda ħjiel li kienet obbligata li tinforma lid-Dipartiment illi kienet wirtet il-kantina biex imbagħad tatha b'donazzjoni lil binha.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Fir-rapport magħmul minn Caroline Vella u preżentat mid-Dipartiment ħarġu dawn il-fatti:*

*i. Illi kien sar rapport fl-Uffiċċju Distrettwali ta' Raħal Ġdid minn Allister Camilleri (150180M) fejn allega illi ommu kienet biegħet kantina u daħħlet €60,000 kif ukoll li ommu kienet wirtet xi proprjetà.*
*ii. Minn informazzjoni miġbura mit-Tax Compliance Unit irriżulta illi l-appellanti kienet dehret bħala bejjiegħa unika ta' fond 48, Triq San Pawl, Valletta. Dana kien kuntratt ta' donazzjoni b'valur inizjali ta' €20,000 li ġie rivedut għal €30,000. Ix-xerrej kien Allister Camilleri ossia min għamel ir-rapport.*
*iii. L-appellanti ma nfurmatx lid-Dipartiment b'din it-transazzjoni iżda kienet infurmat id-Dipartiment b'wirt ta' proprjetà liema proprjetà qed tintuża minnha bħala residenza.*

*iv. L-appellanti kkonfermat mal-Ispetturi li kellmuha li l-fond li kienet tat b'donazzjoni lit-tifel kien ġie lilha permezz ta' wirt. Għamlet donazzjoni biex forsi binha jrabbi l-għaqal u jegħleb il-vizzju tad-droga. Binha spiċċa biex biegħ il-fond ossia kantina wara ftit.*
*v. Il-konklużjoni tar-rapport kien illi l-appellanti kienet naqset li tinforma lid-Direttorat illi kienet wirtet din il-kantina.*

*Dan wassal sabiex id-Direttur jieħu d-deċiżjoni in mertu.*

*Irriżultaw għalhekk il-fatti kif dikjarati mid-Direttur li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu. Il-fatti li huma ta' importanza huma mhux biss il-fatt innifsu li kien hemm il-writ favur l-appellanti iżda wkoll li hija ddisponiet minn dan il-wirt in parti favur binha. Huwa ċar li l-wirt kollu kellu jiġi dikjarat lid-Dipartiment. Huwa fatt li l-appellanti nfurmat lid-Dipartiment bil-wirt tal-fond li tgħix bih effettivament iżda ma nfurmatx id-Dipartiment bil-wirt tal-kantina li sussegwentement għaddiet lil binha bħala donazzjoni.*

*Importanti però f'dan il-kuntest id-dati. Il-*causa mortis *favur l-appellanti tal-kantina in mertu huwa datat 18.09.2018. Ftit jiem wara ossia fil-31 ta' Ottubru 2018 l-appellanti ghamlet donazzjoni tal-kantina favur binha. Jidher ċar minn dawn id-dati li l-appellanti ma' għamlet ebda tentativ b'dawn l-atti sabiex tiżvija lid-Dipartiment jew sabiex b'ħabi ma turix li wirtet il-kantina. Huwa ċar li si tratta ta' Atti pubblici li huma a disposizzjoni kontinwa tad-Dipartiment. Effettivament l-appellanti kellha f'idejha l-kantina in mertu għal biss xahar u nofs. Dak li seħħ wara huwa importanti wkoll. Binha, minħabba l-vizzju tad-droga, huwa stess biegħ il-kantina sussegwentement u spiċċa biex addirittura għamel ir-rapport lid-Dipartiment dwar in-nuqqas ta' ommu l-appellanti – dana wara naturalment l-appellanti wasslet fl-aħħar bil-paċenzja kbira li kellha ma' binha u ma setgħetx tgħinu aktar.*

*L-Arbitru fil-kuntest ta' dawn il-fatti jara li d-Direttur naqas li jara li effettivament ma kienx hemm dawk l-estremi li kellhom iwasslu sabiex jieħu d-deċiżjoni li effettivament ħa. Si tratta ta' donazzjoni li saret b'mod legali u ma saritx (u dan jidher biċ-ċar) biex l-appellanti tkompli tieħu l-benefiċċji in mertu. Saret biss sabiex, forsi, binha jimxi 'l-quddiem."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-14 ta' Lulju, 2021 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni

appellata u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Jissottometti li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) id-deċiżjoni appellata hija *extra petita* u għalhekk nulla; u (ii) l-Arbitru naqas li japplika sew il-liġi.

6. L-appellata wieġbet fit-28 ta' Lulju, 2021 fejn issottomettiet li t-talba tad-Direttur Ġenerali appellant għandha tiġi miċħuda u d-deċiżjoni appellata kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant u anki s-sottomissjonijiet tal-appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll l-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

8. L-ewwel aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant huwa li d-deċiżjoni appellata hi *extra petita* u għalhekk nulla *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kap. 12. Jispjega li meta titressaq kawżali bħal din, huwa meħtieġ li tiġi eżaminata t-talba tal-att promotur, u dan filwaqt li huwa jagħmel riferiment għall-każistika u anki għal dak li qal l-Onor. Imħallef Dott. Grazio Mercieca fix-xogħol tiegħu Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li d-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April, 2020 kienet tirrigwarda proprju l-ħlas żejjed fil-Pensjoni tal-Età li sar lill-appellata, u din tal-aħħar appellat proprju minn dik id-deċiżjoni, iżda fid-*decide* tad-deċiżjoni appellata l-Arbitru laqa' l-appell u ddikjara li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-6 ta' April, 2020 kienet nulla. L-appellant jikkontendi li d-deċiżjonijiet tas-6 ta' April, 2020

u tad-9 ta' April, 2020 għalkemm imsejsa fuq motivazzjoni simili, kienu żewġ deċiżjonijiet separati li kienu jittrattaw kwistjonijiet differenti, għaliex l-ewwel waħda kienet tirrigwarda l-waqfien tal-intitolament għall-Pensjoni tal-Età, u t-tieni waħda kienet tirrigwarda r-rifużjoni tal-ammont ta' €10,854.22. Ikompli jispjega li l-appellata fil-fatt ma kinitx appellat mill-ewwel deċiżjoni u għalhekk l-Arbitru mar lil hinn minn dak li ntalab jistħarreġ, u d-deċiżjoni tiegħu kienet *extra petita.* Id-Direttur Ġenerali appellant hawn jagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti sabiex jissostanzja l-argument tiegħu.

9. L-appellata tilqa' billi tissottometti li l-eċċezzjoni tan-nullità ta' sentenza m'għandhiex tintlaqa' faċilment, iżda madankollu l-Arbitru fl-ebda stadju mar oltre l-kwistjoni miġjuba quddiemu.

10. Il-Qorti tikkonsidra li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. Huwa ċar u inekwivoku li l-appell imressaq mill-appellata quddiem l-Arbitru fis-7 ta' Mejju, 2020 jagħmel riferiment għad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tad-9 ta' April, 2020, u għalhekk l-Arbitru kien marbut li jinvestiga t-talba tagħha fil-parametri ta' dik id-deċiżjoni. B'hekk ma kienx korrett meta fid-deċiżjoni appellata tiegħu huwa qal li *"[l]-appell huwa fil-konfront tad-decizjoni tad-Direttur datat 6 ta' April 2020 ...",* wisq anqas meta ddeċieda li dik id-deċiżjoni, li ma kinitx tifforma parti mill-mertu tal-appell intavolat mill-appellata, kienet nulla.

11. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikat u tilqgħu, u dan filwaqt li tikkonsidra li fid-dawl tal-konsegwenzi li dan

is-sejbien iġib miegħu, hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu limitatament għall-ewwel aggravju tiegħu filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju, u tħassar id-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tad-9 ta' April, 2020.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**